MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**IS-SEBA' KUNSILL**

SEDUTA NRU. 98

KONTINWAZZJONI

23 ta' Lulju 2018

Minuti tal-Kontinwazzjoni tas-Seduta Nru. 98 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tnejn, 23 ta' Lulju 2018 fis-6.00 pm.

## Attendenza u qari ta' ittri ta' apoloġiji

Il-Kunsillieri kollha kienu preżenti minbarra l-Kunsillieri J. Attard li għarraf verbalment li ma setax jattendi minħabba raġunijiet ta' mard fil-familja. Il-Kunsillier H. Fenech li għarraf permezz ta' imejl li ma setax jattendi minħabba raġunijiet ta' xogħol.

Il-Kunsill aċċetta r-raġunijiet mogħtija.

Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rreġistra l-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet trażmessa direttament bl-internet.

## Talba

It-talba ntqalet mis-Sindku J. Buttigieg.

## 1.1. Materji Mqajma mill-Minuti

Billi ma ġewx mqiegħda ebda minuti tal-ewwel parti tas-seduta,ma kienx hemm materji mqajma minnhom.

## 2.0. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

Ma kien hemm ebda mistoqsijiet

## 3.1. Tqegħid ta' Karti

- Skeda ta' Infieq permezz tal-*Petty Cash* – 27/06/18 – 12/07/18
- *Purchase Request Form* – 20/07/18;
- Skeda ta' Pagamenti – 07/07/18 – 20/07/18;

## 4.0. Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsillieri

### 4.1.1. PA 1820/18 – Riġenerazzjoni tar-ramla fil-Bajja tal-Għadira (P/5/8/G)

4.1.2. Saret referenza għal imejl datat 27 ta' Lulju 2018, mibgħut mill-Awtorità tal-Ambjent u r-Riżorsi fejn il-Kunsill ġie mitlub jindika jekk hemm xi punti partikularli li għandhom jiġu trattati fit-termini ta' referenza dwar l-*Environment Impact Assessment* rigward din l-applikazzjoni.

4.1.3. Il-Kunsill ħa in konsiderazzjoni li wieħed mill-fażijiet tal-intervent jinvolvi l-kostruzzjoni ta' triq maqtugħa fuq il-pilastri, li minnu nnifsu huwa fattur maġġuri li tħalla barra mill-applikazzjoni, li ċertament għandu jiġi nkluż fit-termini ta' referenza;

4.1.4. Inġibdet l-attenzjoni li minbarra r-rikwiżiti msemmija fiċ-*checklist* fit-Tieni Skeda tar-Regolamenti dwar il-Valutazzjoni tal-Impatti Ambjentali (L.S. 549.46), jeżistu impatti potenzjali oħra li għandhom jiġu trattati, ossija:

(a) L-Impatt Soċjali

L-*iscreening matrix* tipprovdi għall-konsiderazzjoni ta' tibdil soċjali marbut mal-ambjent fid-demografija, stili ta' ħajja, impjiegi u użi tal-art. L-iżvilupp propost għandu l-potenzjal li jiddiversifikaw l-attività tal-viżitaturi fuq il-bajja estiża;

(b) It-Traffiku

Jeħtieġ li jiġi valutat l-impatt biż-żieda fin-numru ta' viżitaturi, li jżid id-domanda għal spażju għall-ipparkjar fi Triq il-Marfa u Triq il-Qammieh peress li attwalment dawn it-toroq huma diġa suġġetti għal konġestjoni;

(c) Faċilitajiet u Inkonvenjenzi

Għandhom jiġu meqjusa fatturi bħal: (i) l-provvista ta' faċilitajiet adekwati marbuta mal-bajja; (ii) l-impatt fuq il-konċessjonijiet eżistenti tal-bajja; (iii) miżuri li jirregolaw iżjed żvilupp kummerċjali u konċessjonijiet; u (iv) t-tneħħija tal-alka minn fuq il-bajja;

(d) Impatti fuq il-popolazzjoni u s-saħħa tal-bniedem

Ir-riżultat tal-istudji msemmija hawn fuq għandhom jiġu ppreżentati fil-forma ta' valutazzjoni soċjali skont l-Iskeda IV tar-Regolamenti dwar il-Valutazzjoni tal-Impatti Ambjentali (L.S. 549.46);

It-tielet fażi tal-proġett teħtieġ numru ta' snin sakemm titlesta għal kollox liema fattur iġib miegħu impatti negattivi li jeħtieġu jiġu studjati u mifhuma bħala parti integrali minn din l-applikazzjoni għall-iżvilupp; u

Il-proċess tal-EIA jipprovdi konsultazzjoni pubblika u partijiet interessati ewlenin, bħall-Kunsill Lokali tal-Mellieħa, entitajiet mhux governattivi, sidien ta' opri tal-baħar, residenti u stabbilimenti kummerċjali fiż-żona.

4.1.5. Il-Kunsill qabel unanimament li l-fatturi msemmija għandhom jinġiebu għall-attenzjoni tal-Awtorità tal-Ambjent u r-Riżorsi.

## 5.0. Materji fuq l-Aġenda

### 5.1. Nominazzjonijiet għall-Onorefiċenzi tal-Ġieħ u Rikonoxximent (A/5/3/1/Vol XVI)

5.2. Tkompliet id-diskussjoni fuq ir-rapport tal-Bord ta' Rakkomandazzjoni dwar l-Onorefiċenzi tas-6 ta' Lulju 2018, fejn ġie propost li l-onorefiċenzi jingħataw kif ġej:

| | |
|---|---|
| Is-Sur Alfred Vella Borg | Ġieħ |
| Is-Sur Joseph Debono | Rikonoxximent |
| Mro. Joseph Vella | Rikonoxximent |
| Għaqda tan-Nar Maria Bambina | Rikonoxximent |

5.3. Is-Sindku ppropona sabiex jingħata apprezzament uffiċjali lis-Sur Joseph Pace li huwa edukatur mill-Manikata; lis-Sinjorina Marija Grima li hija kittieba; u lis-Sinjura Josephine Zarb li ilha żżomm għal diversi snin ħanut tat-te u bar tradizzjonali f'Misraħ il-Parroċċa.

5.4. Abbasi tal-proposti li saru mill-Bord ta' Rakkomandazzjoni u dawk li saru fil-minuti 6.2 u 6.3 aktar 'il fuq, is-Sur J. Buttigieg ressaq il-mozzjoni segwenti:

***"Billi fis-seduta tal-Kunsill tat-23 ta' Awissu 1999, twaqqfu l-onorefiċenzi ta' "Ġieħ il-Mellieħa" u "Rikonoxximent il-Mellieħa" sabiex jingħataw lil dawk il-persuni jew organizzazzjonijiet li jkunu iddistingwew ruħhom b'eċċellenza f`xi qasam li permezz tagħhom ikunu ta' eżempju għal ħaddieħor jew għollew l-isem tal-lokalita`;***

***Billi tressqu diversi nominazzjonijiet li saru skont il-kriterji stabbiliti, illi baqgħu eliġibbli minn snin preċedenti u oħrajn li daħlu wara s-sejħa li għalqet fil-15 ta' Ġunju 2018, liema nominazzjonijiet ġew evalwati mill-Bord ta' Rakkomandazzjoni sabiex jiġu stabbiliti l-merti tagħhom; u***

***Billi l-kriterji dwar in-numru ta' onorefiċenzi jistabilixxu li l-unur tal-"Ġieħ" għandu jingħata lil mhux iktar minn persuna / organizzazzjoni waħda"; u***

***Billi l-unur tar-"Rikonoxximent" jista' jingħata lil mhux iktar minn tliet persuni u/jew organizzazzjonijiet; u***

***Billi fis-seduta tal-Kunsill tat-22 ta' Lulju 2015 il-Kunsill iddeċieda li għandu jingħata għarfien uffiċjali għal xi kontribut partikulari, permezz ta' l-unur "Apprezzament il-Mellieħa";***

***Il-Kunsill jirriżolvi li l-onorefiċenzi "Ġieħ il-Mellieħa" għandhom jingħataw lil:***

- ***Is-Sur Alfred Vella Borg – Qasam tal-Volontarjat;***

***filwaqt illi l-persuni li ġejjin għandhom jingħataw l-unur "Rikonoxximent il-Mellieħa" għandhom ikunu:***

- ***Is-Surmast Joseph Vella – Qasam tal-Kultura;***
- ***Is-Sur Joseph Debono – Qasam tal-Politika u Sportiv;***
- ***L-Għaqda tan-Nar Maria Bambina – Qasam tal-Kultura.***

***Il-Kunsill jirriżolvi wkoll li għandu jingħata l-unur "Apprezzament il-Mellieħa" lil:***

- ***Lis-Sur Joseph Pace – Edukatur;***
- ***Lis-Sinjorina Maria Grima - Kittieba; u***
- ***Is-Sinjura Josephine Zarb – Operatur ta' ħanut tradizzjonali.***

***Il-Kunsill jirriżolvi wkoll illi l-medalji u l-insinji, flimkien mad-dokumenti relattivi, għandhom jiġu ppreżentati waqt serata organizzata apposta nhar il-Ħamis 26 ta' Lulju 2018.".***

5.5. Il-mozzjoni għaddiet unanimament minn fost il-Kunsillieri preżenti, wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier E. Bartolo.

**6.1. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskedi dwar l-Akkwist u tal-Pagamenti**

6.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 20 ta' Lulju 2018.

6.3. Kien hemm qbil dwar il-ħruġ tal-*purchase orders* kollha skont l-*items* elenkati fl-imsemmija skeda.

6.4. Tressqet skeda ta' pagamenti li saru permezz tal-*petty cash* bejn it-13 ta' Mejju u s-26 ta' Ġunju 2018.

6.5. Tressqet ukoll skeda ta' pagamenti li tkopri bejn is-27 ta' Ġunju u t-12 ta' Lulju 2018.

6.6. Il-Kunsill approva l-pagamenti kollha fit-tliet skedi msemmija. Kien hemm qbil li l-Iskeda tal-Pagamenti għandha tiġi ppubblikata permezz tas-sit elettroniku https://localgovernment.gov.mt/en/lc/Mellieħa/Pages/Publications/Minutes.aspx

**AĠĠORNAMENT**

It-Tieni Parti tas-seduta spiċċat fit-7.55 pm u kien hemm qbil li għandha tiġi aġġornata għal nhar it-Tnejn 20 ta' Awwissu 2018 fis-6.00 pm.

John Buttigieg
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**